**4 ta' Mejju, 1994**

**Imħallfin:-**

**S.T.O.Prof. Guseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President.**
**Onor Joseph D. Camilleri, B.A., LL.D.**
**Onor Joseph A. Filletti LL.D., A.R.Hist.S**

Sister Luigia Grech bħala superjura tas-Sorijiet Agostinjani tal-Gżira u Sister Benilde Flores bħala Head Teacher ta' Saint Monica School ta' l-istess Sorijiet Agostinjani u b'nota tad-29 ta' April, 1994, Sister Celsina Bonnici assumiet l-atti tal-kawża flok Sister Luigia Grech bħala Superjura billi Sister Luigia Grech tinsab barra minn Malta;

*versus*

Anthony Mercieca Ciancio.

**Kontumaċja – Nuqqas ta' Avukat**

*Il-Qorti ta' l-Appell sabet illi biex tissussiti l-kontumaċja, din trid tkun kemm fl-atti kif ukoll fl-udjenza. Huwa manifest għalhekk li assenza mill-atti trid tiġi kkonfermata b'assenza ukoll mill-udjenza fis-sens sħiħ tal-kelma.*

*Biex jiġi ammess appell ta' min kien kontumaċi fl-ewwel grad, dan irid fl-ewwel lok jiġġustifika dik il-kontumaċja.*

Il-Qorti: –

Dan huwa appell mis-sentenza tal-Prim Awla Qorti Ċivili, li tgħid hekk:-

Il-Qorti,

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biha l-atturi nomine wara li ppremettew li f'dawn l-aħħar xahrejn inti vjoletement, klandestinament u mingħajr il-kunsens tal-istanti, ftaħt apertura fil-ħajt diviżorju bejn il-fond tiegħek, 78, Stuart Street, Gżira u l-bitħa tal-fond ta' l-atturi, 50 Ponsomby Street, Gżira fejn huma għandhom skola msejħa Saint Monica School; u billi abusivament dħalt u għadek tidħol fl-istess bitħa tal-fond ta' l-l-instanti fejn poġġejt ukoll xi affarijiet u poġġejt ostakoli b'mod illi l-istanti lanqas ma jistgħu jidħlu fl-istess bitħa tagħhom; u billi b'dan l-aġir abusiv u illegali tiegħek, l-atturi bħala pussessuri ta' l-istess bitħa sofrew vjolazzjoni arbitrarja u illegali tal-pussess tagħhom – liema vjolazzjoni tikkonstitwixxi spoll fis-sena tal-liġi;

Talab jgħid il-konvenut għaliex:1) m'għandux jiġi ddikjarat minn din il-Qorti illi bl-aġir illegali u abbusiv tiegħek fuq imsemmi, inti kkommettejt spoll għad-dannu ta' l-atturi;2) m'għandekx tiġi kkundannat minn din il-Qorti biex tirreintegra lill-atturi fil-pussess tagħhom billi tneħħi kull ostaklu li l-instanti għandhom għall-aċċess fl-istess bitħa, tiżgombra mill-bitħa tal-fond 50, Ponsomby Street, Gżira u tagħlaq l-apertura li inti ftaħt fil-ħajt diviżorju; u 3) għaliex jekk tonqos li tagħmel dan kollu fi żmien qasir u perentorju li jiġi stabbilit ma'għandhomx l-atturi jiġu awtorizzati biex, okkorendo permezz ta' perit li jiġi nnominat, jagħmlu huma a spejjes tiegħu, ix-xogħlijiet meħtieġa għall-finijiet tat-talba preċedenti. Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-25 ta' Novembru, 1991, u b'riserva ta' kull azzjoni għad-danni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-atturi;

Rat illi ċ-ċitazzjoni ġiet debitament innotifikata lill-konvenut li naqas li jippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet u hekk baqa' kontumaċi;

Semgħaet ix-xhieda ta' l-attriċi Sister Benilda Flores;

Semgħet l-Avukat ta' l-attur;

Eżaminat l-atti tal-kawża;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fiċ-ċitazzjoni jrriżultaw ippruvati.;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fl-ismijiet premessi fis-6 ta' April, 1992, li biha u fil-kontumaċja tal-konvenut iddeċidiet billi laqgħet it-talbiet ta' l-atturi kif dedotti fiċ-ċitazzjoni bl-ispejjes kontra l-konvenut, u għall-fini tat-tielet talba nnominat lil AIC Joseph Huntingford;

Rat in-nota ta' l-Appell tal-konvenut Anthony Mercieca Ciancio ppreżentata fl-14 ta' April, 1992, fejn permezz tagħha huwa interpona appell minn din is-sentenza;

Rat il-Petizzjoni ta' l-Appell tal-konvenut Anthony Mercieca Ciancio fejn wara li espona bir-rispett;

*Omissis;*

Illi l-konvenut appellanti ma kellux l-opportunità li jagħmel u jippreżenta Nota ta' l-Eċċezzjonijiet hekk kif titlob il-Liġi;

Illi fil-kontumaċja tal-konvenut appellanti, l-Qorti għaddiet biex tagħti s-sentenza tagħha tas-6 ta' April, 1992, fejn laqgħet it-talbiet dedotti fiċ-ċitazzjoni bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant u għall-finijiet tat-tielet talba, innominat lill-Perit Arkitett Joseph Huntingford;

Illi l-esponenti ħass ruħu aggravat bl-imsemmija sentenza u interpona umli appell quddiem din il-qorti permezz tan-Nota li huwa ppreżenta fl-14 ta' April, 1992;

*Omissis;*

Illi l-aggravju huwa ċar u minifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi l-ewwel Qorti qabel ma għaddiet għas-sentenza ma waqfitx biex tinvestiga l-ilment ta' l-esponenti li huwa kien sporvvist minn avukat, u dan mhux bi ħtija tiegħu, iżda għax ma kienx aċċettat mill-għadd ta' avukati li huwa kien ikkomunika magħhom;

F'każ eċċezzjonali bħal dan il-Qorti kienet fid-dover li taħtar avukat għall-eponenti u tagħtih iż-żmien adegewat sabiex iressaq id-difiża tiegħu fil-każ;

L-esponenti jilmenta li fil-każ tiegħu l-ispirtu kkontemplat mill-Kostituzzjoni rigward il-*fair trial* u l-prinċipju ta' l-"*equality of arms*" ma nżammux, biex b'hekk huwa tilef il-kawża b'deteriment għalih;

Illi l-esponenti jilmenta ukoll mill-fatt illi l-kwistjoni ġia kienu saru proċeduri legali fuqha biċ-ċitazzjoni preċitata numru 1170/74 FM u għalhekk il-Qorti ma setgħetx tiddeċidi fuq

kwistjoni ġa determinata;

Illi fil-meritu, l-esponenti dejjem irritjena li l-propjetà in kwistjoni hija tiegħu, u għalhekk ma setax jikkometti *spoll* meta daħal fil-propjetà tiegħu stess u li tappartjeni lilu;

Illi fi kwalunkwe każ, in-nomina tal-perit arkitett Huntingford hija waħda erronja stante li dan il-perit kien ġa kkonsultat mill-esponenti qabel il-preżentata *taċ-ċitazzjoni* u għalhekk żgur ma huwiex f'posizzjoni li jaqdi l-inkarigu tiegħu b'mod oġġettiv;

U filwaqt li jagħmel riferenza għall-atti tal-kawża u jirriserva li jagħmel l-osservazzjonijiet u l-provi oħra permessi *mill-liġi*, talab illi din l-Onorevoli Qorti tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' April, 1992, u terġa' tibgħat l-atti kollha lill-istess Qorti msemmija biex l-esponenti jkun jista' jingħata l-opportunità u ż-żmien legali sabiex jippreżenta n-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet tiegħu u jikkontesta t-talbiet attriċi *fil-meritu* skond il-Liġi, u dan bl-ispejjeż legali kollha taż-żewġ istanzi kontra l-atturi nomine;

Rat ir-risposta ta' l-atturi appellati għall-Petizzjoni ta' l-Appell tal-konvenut appellant;

*Omissis;*

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Semgħet lill-appellant konvenut bil-ġurament;

Semgħet is-sottomissjonijiet ta' l-avukati;

Ikkunsidrat li permezz ta' dina l-proċedura, il-konvenut appellant qiegħed jitlob ir-revoka tas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti, Prim'Awla Ċivili, mogħtija fis-6 ta' April, 1992, mogħtija fil-kontumaċja tiegħu. Mill-atti proċesswali jidher, li dakinhar li kellha tinstema' l-kawża, fis-6 ta' April, 1992, u ġiet hekk imsejħa, dehret l-attriċi assistita, fil-waqt illi l-konvenut imsejjaħ tliet darbiet ma deherx. Xehdet imbgħad l-attriċi, il-kawża ġiet posposta, u aktar wara ngħatat is-sentenza. M'huwiex ikkontestat il-fatt li l-konvenut naqas li jippreżenta Nota ta' Eċċezzjonijiet u dikjarazzjoni kif titlob il-liġi tagħna tal-proċedura (Kap. 12) per via ta' kontestazzjoni. Għal dan in-nuqqas, l-appellant issottometta fil-petizzjoni tiegħu nonstante li kkomunika ma diversi avukati biex jikkontesta t-talbiet attriċi huwa ma sab lil ħadd biex jassistieh. Per konsegwenza jgħid li fil-jum appuntat għas-smigħ – dejjem skond ma niżżel fil-petizzjoni ta' l-appell – huwa kien sprovvist sija minn-Nota ta' Eċċezzjonijiet kif ukoll minn avukat u dan mhux bi ħtija tiegħu. Il-konvenut issottometta li huwa talab lill-istess Qorti biex tappuntalu konsulent legali iżda ġie injorant u minflok din ipproċediet kif ġa ntqal **supra**;

Illi evidentement l-esposizzjoni tal-fatti kif relatati fil-petizzjoni ċertament m'huwiex riflessi minimament fil-verbal tas-6 ta' April, 1992, fejn mhux biss ma hemmx xejn minn dak li ġie sottomess imma, għall-kuntraju, tniżżel espresament li l-konvenut appellant **ma deherx**. F'deċiżjonijiet relattivament riċenti ta' din il-Qorti, mogħtija fit-28 ta' Mejju, 1990, fil-kawża fl-ismijiet: "Costantino Abela – vs – George Azzopardi" (Koll. Vol. LXXIV – II – 337), u fl-14 ta' Jannar, 1993, P. Grech nomine vs M. Żammit, intqal illi biex tissussisti l-kontumaċja, din trid tkun kemm fl-atti kif ukoll fl-udjenza. Huwa manifest għalhekk li assenza mill-atti trid tiġi kkonfermata b'assenza ukoll

mill-udjenza fis-sens sħiħ tal-kelma. L-aspett innovattiv ta' dawn id-deċiżjonijiet huwa li taffew kemmxejn minn dik ir-riġidita' li f'għadd ta' kawżi simili mxew biha l-Qrati tagħna. Mela, minn dak li jemani mill-atti, it-teżi ta' l-appellant m'hija suffraġata bl-ebda mod għax la wieġeb bil-miktub u lanqas deher meta ġie msejjaħ – kien hemm kwindi kontumaċja kemm ta' forma kif ukoll ta' sustanza;

Jibqa' dejjem ferm però illi biex jiġi ammess appell ta' min kien kontumaċi fl-ewwel grad, dan irid fl-ewwel lok jiġġustifika dik il-kontumaċja kif reġa' ġie riċentement ribadit minn din il-qorti fil-21 ta' Mejju, 1993, f'J. Vella pro et nomine vs J. Vella;

Il-Qorti, madankollu, lanqas issodisfat ruħha b'daqshekk u tat l-opportunintà lill-appellant biex jixhed;

Bil-mod kif iddepona l-appellant aktar ikkonferma, jekk dan kien meħtieġ, kemm kienet tenwa u bla bażi l-esposizzjoni tiegħu fil-petizzjoni. Jgħid li ma sab lil ħadd min jiddefendih meta fix-xhieda tiegħu invece jgħid li qabbad lil Dottor Frank Cassar. Jgħid li Dottor Cassar baqa' ma qal xejn quddiem l-Ewwel Qorti meta dan l-istess avukat niżżel fil-petizzjoni li l-appellant ma kellu lil ħadd biex jidhirlu. Għal xi raġuni l-imsemmi Dottor Cassar ma deherx għall-appellant għaliex quddiem din il-Qorti, il-patronċinju tiegħu ġie assunt minn avukat ieħor – li juri inċidentalment li lanqas ma kienet daqstant impossibbli għall-appellant li jinkarika avukat biex jassistih. Jekk imbagħad l-appellnat irriskontra ċerta riluttanza minn xi avukati biex jippatronċinawh, din mhix xi ħaġa daqstant stramba, għaliex fix-xhieda tiegħu, huwa addebita lill-ewwel avukat b'akkużi serji ta' żlealta' professjonali, daħħal lill-Pulizija u ħwejjeġ bħal dawn. Hi kif inhi, fid-deposizzjoni tiegħu, hu waqqa' l-maġġior parti

tal-kontenut fattwali espost fil-petizzjoni għax jgħid bil-maqlub;

Għal kull fini , jiġi rrilevat li fil-mori tal-proċeduri, l-ispoll kien ġie spurgat billi x-xogħol rikjest mill-appellata sar, u għalhekk f'kull każ, in-nomina o meno ta' perit ġudizzjarju fil-persuna ta' AIC Jospeh Huntingford, illum m'għandhiex aktar ħtieġa jew utilita' għall-fini indikat fl-ewwel sentenza;

Għal dawn ir-raġunijiet:-

Tiddeċidi billi tiċħad l-appell tal-konvenut u tikkonferma s-sentenza appellanta mogħtija mill-Onorabbli Qorti Ċivili Prim'Awla fl-ismijiet premessi fis-6 ta' April, 1992;

Bl-ispejjeż ġudizzjarji taż-żewġ istanzi għall-konvenut appellant.